14 ta' Frar, 1947

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Joseph Cutajar *versus* Avv. Dr. John Scicluna ne.**

**Kunjom — Att tat-Twelid — Korrezzjoni.**

*It-tbiddil tal-kunjom ta' persuna huwa ħaġa ta' importanza kbira fis-soċjetà ċivili, u ħadd ma jista' "motu proprio" ibiddel kunjomu u mbagħad jitlob il-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tiegħu skond dak il-kambjament.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi b'kuntratt tal-21 ta' Marzu 1946 fl-attijiet tan-Nutar Paul Pellegrini Petit huwa biddel kunjomu billi żied miegħu l-kunjom "Hamilton", u b'hekk kunjomu ġie "Hamilton Cutajar"; u li fl-att tat-twelid tiegħu huwa jinsab desinjat bil-kunjom Cutajar biss; u li huwa għandu interess li jitlob il-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid; talab illi l-istess att tat-twelid tiegħu fuq imsemmi, numru progressiv 11572, Serje "A", jiġi korrett fis-sens illi fil-marġini tiegħu ssir annotazzjoni tat-tibdil tal-kunjom magħmul bil-kuntratt fuq imsemmi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-3 ta' Ottubru 1946, fejn laqgħet it-talba ta' l-attur, fis-sens mhux li għandu jiġi eżegwit xi tħassir fl-att tat-twelid fuq imsemmi, oriġinali jew reġistrat, imma fis-sens li ssir annotazzjoni ta' l-imsemmi tibdil fl-isem ta' l-attur, bl-indikazzjoni tal-partikularitajiet kollha miġjubin rigwardanti l-imsemmi att ta' tbiddil, u bl-indikazzjoni wkoll ta' din id-deċiżjoni, u bl-intelliġenza espressa illi l-imsemmi tbiddil ma għandu qatt, la fil-preżent, la għall-futur u lanqas għaż-żmien imgħoddi, jaffetta d-desinjazzjoni tal-kunjom ta' missier l-istess attur; u ordnat lill-attur, biex jiġu aktar kawtelati l-interessi tat-terzi persuni, li jiġi wkoll publikat avviż, a spejjeż ta' l-istess attur, fi żmien ħmistax-il ġurnata, fil-Gazzetta tal-Gvern, li juri dina d-deċiżjoni b'riferenza għall-avviż

fuq imsemmi ġà publikat fl-istess Gazzetta (numru 9439) skond il-liġi; u ordnat fl-aħbarnett lill-konvenut Avukat Dr. John Scicluna ne. li ma jeżegwix l-imsemmija annotazzjoni qabel ma jiġi publikat l-imsemmi avviż, anki jekk ikun iddekorra ż-żmien ta' ħmistax-il ġurnata stabbilit mill-liġi għall-eżekuzzjoni da parti tiegħu ta' l-imsemmija annotazzjoni; u ordnat illi l-ispejjeż tal-ġudizzju jitħallsu kollha minn għand l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi mhux il-każ li jiġi ordnat tħassir fl-iskrizzjoni tat-twelid riferit fl-att taċ-ċitazzjoni, għaliex la jidher, u lanqas d'altronde ma hemm pretensjoni, li sar xi żball fir-redazzjoni ta' l-oriġinal jew fir-reġistrazzjoni ta' l-imsemmi att tat-twelid, imma trattasi, inveċe, ta' kambjament tal-kunjom ta' l-attur minn "Cutajar", illi sal-lum huwa ġieb bħala dak li akkwista minn għand missieru sakemm ma biddlux, f'dak ta' "Hamilton Cutajar" illi l-lum huwa qiegħed iġib;

Illi però, kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża "Mc Lean ġà Abdilla vs. Notaro Salvatore Cremona et. nomine", deċiża fil-31 ta' Ottubru 1930, ma hemm l-ebda ostakolu skond il-liġijiet li jirregolaw l-attijiet ta' l-Istat Ċivili illi ssir annotazzjoni anki fl-interess ta' terzi persuni fil-marġini ta' l-att fuq imsemmi, li tfakkar l-att magħmul mill-istess attur, jiġifieri t-tbiddil li huwa jrid fl-imsemmi kunjom tiegħu, magħmul bl-att riċevut min-Nutar Pellegrini Petit imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, li kopja tiegħu tinsab fl-attijiet ta' din il-kawża u għandha tibqa' konservata fl-istess attijiet;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata fejn ġie deċiż illi t-talba tiġi milqugħa fis-sens u taħt il-provvediment speċifikati f'dik is-sentenza, u għalhekk talab illi dik it-talba tiġi respinta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, u konfermata għall-kumplament;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi t-tibdil tal-kunjom ta' persuna hija ħaġa ta' importanza kbira fis-soċjetà ċivili, u għalhekk ma tistax issir minn għand il-persuna li jrid jagħmil-

ħa "marte proprio" u mbagħad jitlob il-*korrezzjoni ta'* l-att *tat-twelid tiegħu skond dak il-kambjament*. Dan il-gravam jidher li huwa fondat. Infatti hija ħaġa magħrufa illi l-liġijiet ta' l-istat *ċivili*, *bir-reġistrazzjoni ta'* l-attijiet tat-twelid u tażżwieġ, kif ukoll tal-mewt, hija ħaġa wisq importanti għall-ħajja ċivili tas-soċjetà, peress illi *minn* dawk l-annotazzjonijiet jiddependu ħafna drittijiet taċ-ċittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-patrimonju ta' l-individwu, li *l-familja* ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li għandha ċertu interess li l-membri tagħha jkunu magħrufa b'dak *il-kunjom*; *u huwa wkoll patrimonju* tas-soċjetà d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bażi u l-ordni ta' kull soċjetà, u għalhekk *teorikament* ma jistax ikun permess lil persuna, l-għaliex il-kunjom tagħha ma jogħġobhiex, tagħżel kunjom ieħor li jidhrilha li hu isbaħ, u *forsi iżjed* skond l-idejiet moderni prevalenti, u tadotta "marte proprio" dak il-kunjom ġdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-diżordni u l-*konfużjoni* fissoċjetà, jekk kwantità kbira ta' ċittadini jużaw minn dak, jekk huwa dritt;

*Tikkunsidra*;

Illi dan l-argument huwa avvalorat, kif tajjeb issottometta l-appellant, mill-fatt illi *fejn* huwa *permess* it-tibdil ta' isem u kunjom, il-leġislatur ra n-neċessità li jagħmel liġi appożita b'ċerti garanziji wisq importanti, kif inhi l-*applikazzjoni* lill-Maestà Tiegħu r-Re bħala kap *tas-soċjetà ċivili*, li għandu jissalvagwarda l-ordni tal-familji u ta' l-individwi li jikkomponuhom fis-soċjetà, u l-eżami ta' dik l-applikazzjoni mill-Uffiċjali ta' l-Istat biex jaraw jekk it-talba hijiex ġustifikata jew le. *Mhux korrett* l-*appellat* fejn isostni illi ladarba aħna ma għandniex liġi simili vwoldiri kulħadd padrun jagħmel li jrid; il-konsegwenza għandha *loġikament tkun diversa*, illi la darba aħna ma għandniex liġi simili vwoldiri illi kulħadd *jibqa'* b'dak il-kunjom illi twieled bih, salva l-kwistjoni *jekk il-liġi* ingliża hijiex applikabili għall-Kolonji, bħal Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tilqa* l-appell *tal-konvenut*, u għalhekk tirrespinġi t-talba ta' l-attur; l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu mill-appel-

lat, u dawk ta' dina l-istanza, in vista ta' l-ittra tal-konvenut eżibita mar-risposta, ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellat. U għalhekk tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.